Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN *Citta' Beland*

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 09/13 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013
**Data** 29/08/2013 fis-6.10pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Attendenza**

| | |
|---|---|
| Sindku Joe Attard | Preżenti |
| Viċi Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti mis-6.20pm |
| Amanda Abela | Preżenti sad-8.45pm |
| Joan Agius | Preżenti mis-6.30pm |
| Claude Camilleri | Preżenti mis-6.55pm |
| Raymond Caruana | Preżenti |
| Sean Chircop | Preżenti |
| Stephania Fenech | Skużata minħabba safar |
| Joseph Hales | Preżenti |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**09. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 1. 1 | | Proponent: Caruana<br>Sekondata: Camilleri | **Il-minuti 08/13 inqraw u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | 08.2.5 | Flimkien ma' Abela u Caruna tiżdied il-Viċi-Sindku. | | |
| | 08.2.6 | Jitneħħa l-paragrafu u jidħlu dawn is-sentenzi: 'Il-Viċi-Sindku qalet li ma marritx personalment fi Triq il-Madonna tal-Ħniena iżda fuq ir-Reġistru Elettorali residenza 'Mater Dei' ma teżistix. Dan ifisser li r-resereved parking jista' jitneħħa. | | |
| | 08.2.7 | Minflok 'Triq Widnet il-Baħar' jidħlu l-kliem 'Triq Marrubja'. | | |
| | 08.7.20 | Minflok il-kelma 'barriers' tidħol il-kelma 'bollard'. | | |
| | 07.7.6 u 08.7.25 | Il-Kunsilliera Agius qalet li għandu jsir kuntatt mas-Sur Lino Camilleri biex inkunu nafu fejn jinsabu r-recycling bins ta' San Girgor. Preċedentement kienet saret proposta biex dawn jingħataw liż-Żejtun Home. | | |
| 09. 1. 2 | | **Wara il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**09. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 2 1 | 08.2.1 | Viċi-Sindku: Lezzjonijiet tal-kompjuter għall-anzjani | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li saru l-lezzjonijiet tal-kompjuter għall-anzjani u dawk li kienu interessati attendew. | Viċi-Sindku |
| 09. 2 2 | 08.3.2 | Hales: Żvilupp fi Sqaq il-Bjar | Il-Kunsillier Hales innota li Sqaq il-Bjar ma jeżistix. L-isem huwa Triq l-Isqof Zahra. | |
| 09. 2 3 | 08.3.3 | Agius: Għeluq ta' Triq San Pawl | Il-Kunsill ġie avviċinat mis-soru li tieħu ħsieb l-iskola Teresa Nuzzo fejn infurmat lill-Kunsill li hemm residenta li trid permess sabiex tkun tista tidħol waqt li t-triq tkun magħluqa. Il-Kunsill ser jagħmel talba uffiċċjali lil TM sabiex Triq San Pawl tingħalaq waqt id-dħul tat-tfal ta' l-iskola. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 09. 2. 4 | 08.3.6 | Hales: Triq Sir Paul Boffa | Il-Kunsillier Hales sostna li fi Triq Sir Paul Boffa għandu jsir un/loading bay. Is-Sindku spjega li l-problema ġiet solvuta peress li ntlaħaq kompromess. | Sindku |
| 09. 2. 5 | 08.7.11 | Hales: Skips fi Triq Marrubja | Hales informa lill-Kunsill li tneħħiet skip minn Triq Marrubja peress li kienu qed jarmu ħafna skart madwar l-iskips. Jista' jagħti l-każ li titneħħa oħra minn area oħra biex jitnaqqas dan l-abbuż. F'dan il-każ tintbagħat ittra lir-residenti konċernati qabel ma titneħħa l-iskip. | Hales |
| 09. 2. 6 | 08.3.7 | Sindku: Talba għal kumpens | Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-talba għad-danni li saret mis-Sur Victor Saliba ma tistax tiġi milqugħa peress li skond it-tekniċi tan-Nexos Street Lighting, il-fuse box ġarrbet ħsara liema fuse box ma setgħetx tagħmel ħsara fuq it-tv tas-Sur Saliba. | |
| 09. 2. 7 | 08.3.8 | Agius: Vetturi inkarigata | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex meta jkun hemm lagħat dwar vetturi abbandunati hi għandha tiġi mgħajjta għal dawn il-laqgħat peress li hija l-persuna inkarigata. | Agius |
| 09. 2. 8 | 08.3.10 | Agius: Talba ghal bus shelter | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex isir bus shelter fi Vjal 25 ta' Novembru. Is-Sindku spjega li tħejjiet lista ta' bus shelters li huma meħtieġa, li ser tgħaddi lil TM. | Hales |
| 09. 2. 9 | 08.3.11 | Agius: Attivita Evening On Campus | Il-Kunsilliera Agius irrimarkat li dak inhar ta' l-attivita' kienet tinħass in-nuqqas ta' preżenza tal-Kunsilliera. Is-Sindku appella sabiex il-kunsilliera jattendu għall-attivitajiet. Il-Kunsilliera Agius qalet li tul din l-attivita' inġabret is-somma ta' Eur105 li din għaddiet lill-Fondazzjoni Nazzaret. | |
| 09. 2. 10 | 08.7.6 | Viċi-Sindku: Assembly point Dar ta' l-Anzjani | Peress li n-numru ta' anzjani fiż-Żejtun Home kiber, il-Viċi-Sindku kellha talba sabiex l-assembly point ma jibqax quddiem id-dar iżda jintuża Ġnien San Girgor. **Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.** | Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2. | 11 | 08.7.1 | Agius: Pubblikazzjoni - Sostenibbilta' | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk kienx hemm feedback dwar il-pubblikazzjoni tas-sostenibilta'. Is-Sindku spjega li trid issir iktar pubbliċita. **Il-Kunsill qabel li din il-pubblikazzjoni għandha tingħata pubbliċita fuq il-website tal-Kunsill.** Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-website il-ġdida kwazi lesta u ser tiġi varata qabel Żejt iż-Żejtun. Għaldaqstant ser isir kuntatt ma' l-Abakus biex titwaqqaf il-website eżistenti biex minfloka tidħol il-website il-ġdida. Chircop spjega li fuq il-website il-ġdida ser ikun possibli li jsir reklamar liema reklamar għad irid ikun deċiż il-valur tiegħu. Chircop hejja żewġ heritage routes oħra li ser ikunu biss online filwaqt li dik eżistenti saret bil-google maker. | Sindku Agius Chircop |
| 09. | 2. | 12 | 08.7.12 | Chircop; Rapport ta' attivitajiet | Il-Kunsillier Chircop ta rapport tat-treasure hunt li saret fl-20 ta' Lulju fejn min ipparteċipa ta donazzjoni liema donazzjoni għaddiet lil Fondazzjoni Nazzaret. Is-somma li nġabret kienet ta' Eur15. Filwaqt li mill-kompetizzjoni ta' l-inbid inġabru Eur120 liema flus ukoll għaddew lil Fondazzjoni Nazzaret. Fir-rigward ta' Jum il-Eroj li ser jibda jiġi mfakkar nhar is-6 ta' Lulju, nħarġet press release. Il-Kunsill Chircop talab sabiex tinġabar l-email ta' l-għaqdiet. | Chircop |
| 09. | 2. | 13 | 08.7.15 | Hales: Kenniesa | Peress li l-ammont ta' kenniesa huma ftit, ser issir re-scheduling tar-rotta tal-knis bin-nies disponibbli. | Hales |
| 09. | 2. | 14 | 08.7.18 | Hales: Applikazzjoni Ċanċu Supreme | Hales talab sabiex issir laqgħa mas-Seg. Parlamentari Michael Farrugia minħabba l-applikazzjoni ta' Ċanċu Supreme sabiex dan jingħata post alternattiv f'outside development zone. | |
| 09. | 2. | 15 | 08.7.20 | Hales: One way - Triq San Klement | Hales ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-biċċa d-dejqa ta' Triq San Klement ma tistax issir one way minħabba Triq Sciortino. | Sindku |
| 09. | 2. | 16 | 08.7.22 | Caruana: Skips Ta' Ganza Discount Store | Il-Kunsillier Caruana informa lill-Kunsill fejn intlaħaq kompromess sabiex l-iskips jitħallew barra matul il-ġurnata filwaqt li jiddaħħlu ġewwa tul il-lejl. | |
| 09. | 2. | 17 | 08.7.31 | Sindku: Tender - Kindergarten | Is-Sindku informa lill-Kunsill li nħarġet it-tender għat-tapit tal-kindergarten. Camilleri qal li t-tapit l-antik inqala'. | Camilleri |
| 09. | 2. | 18 | 08.7.32 | Agius: Restawr tal-pittura fl-uffiċini tal-Kunsill | Agius staqsiet dwar il-kwotazzjoni tar-restawr għall-pittura fl-uffiċini tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-ispiza ser tinqasam f'erba' fażijiet differenti b'Eur1,500 kull fażi. | Sindku |

**09. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/13. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 3. 1 | 01 | MEPA: PA1784/07 | **Il-Kunsill qabel nem.con li jirrakkomanda dan l-iżvilupp.** | Sindku |
| 09. 3. 2 | 07 | DLG: European Mobility Week | Il-Kunsilliera Fenech fasslet attivitajiet fl-okkażjoni tal-Car Free Day, liema attivitajiet ġew mgħoddija lid-Dipt tal-Gvern Lokali. | Fenech |
| 09. 3. 3 | 17 | M'Grace Camilleri: Hsara fuq vettura | B'referenza għal ħsara li s-Sinj Camilleri ġarrbet fuq il-karozza tagħha fi Triq Strejnu, **il-Kunsill qabel li jieħu parir ta' espert ta' kemm karozza suppost għandha tkun għolja mill-art. Aktar minn hekk kien hemm tabella li f'dak iż-żmien Triq Strejnu kienet miftuħa għar-residenti biss.** | Sindku |
| 08. 3. 4 | 18 | Mobile Blood Donation Unit | **Il-Kunsill qabel li l-mobile blood donation unit nhar il-15 ta' Settembru ikun iż-Żejtun għas-servizz tal-pubbliku.** | Agius |
| 08. 3. 5 | 21 | E. Paula Caruana: Car wash mill-Girl Guides | **Il-Kunsill qabel li nhar it-22 ta' Settembru issir car wash fi Pjazza tas-Suq miż-Żejtun Girl Guides.** | Hales |
| 09. 3. 6 | 23 | Maltapost: Depository box | **Il-Kunsill qabel li titwahhal depository box tal-Maltapost fi Triq Sant'Anglu hdejn l-iskola Primarja.** | Caruana |
| 09. 3. 7 | 24 | M. Spiteri: Riżenja u Reduced Hours | Is-Sindku qara l-ittra ta' l-impjegat M. Spiteri fejn informa lill-Kunsill li l-aħħar ġurnata ta' impjieg tiegħu se tkun l-aħħar ta' Ġunju 2014. Il-Kunsill laqa' it-talba tal-impjegat Spiteri sabiex minn l-1 ta' Ottubru sa l-aħħar ta' Jannar jieħu unpaid nhar ta' Tnejn filwaqt li mill-24 ta' Frar sa' l-aħħar ta' Ġunju jieħu unpaid nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa. | |

**09. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/13 | **Il-Kunsill approva nem.com li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 09. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 08/13 | **Il-Kunsill approva nem.com il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 08/13 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| i | 95 | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li dan il-kont huwa doppju u ghalhekk ser jinqata minn fuq l-lista tal-pagamenti. Il-Koperattiva tat-Tabelli u Sinjali diga' giet infurmata u kkonfermat dan. Ghaldaqstant ser isiru l-arranġamenti necessarji. | | Segretarjat |
| ii | 71 | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jagħmel kuntatt mal-General Ecological dwar dan il-kont peress li m'għandux jitħallas mill-Kunsill. | | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | iii | **Il-Kunsill approva ukoll is-servizzi kuntrattwali tal-kuntrattur Ronald Bezzina għax-xahar ta' Lulju. Iż-żona A tal-ġbir ta' skart tammonta għal Eur5,200.30 u żona B tammonta għal Eur2,459.55. Dan peress li l-kontijiet daħlu tard.** | | Segretarjat |
| | iv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li sar ħlas dirett lill-WasteServ mid-Dipt. Gvern Lokali bl-ammont ta' Eur34,000. Dwar dan il-Kunsill qabel li jikteb lid-Dipartiment peress li ma rċieva l-ebda notifika min-naħa tiegħu iżda induna b'din it-transazzjoni peress li l-Kunsill irċieva rċevuta mill-WasteServ. | | Segretarjat |
| 09. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 08/13 | **Il-Kunsill approva nem.com il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 09. 4. 4 | | Petty Cash - Ġunju 2013 | **Il-Kunsill approva nem.con il-petty cash li ntefaq f'Ġunju 2013 hekk kif preżentat li kien jammonta għal €143.30.** | Segretarjat |
| 09. 4. 5 | | Petty Cash - Lulju 2013 | **Il-Kunsill approva nem.con il-petty cash li ntefaq f'Lulju 2013 hekk kif preżentat li kien jammonta għal €206.64.** | Segretarjat |

**09. 5.** **Rapport - Xogħlijiet fil-bini tal-Kunsill Lokali**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 09. 5. 1 | | Sindku: Xiri ta' mejda u siġġijiet | **Il-Kunsill qabel li jinxtraw mejda u siġġijiet għas-sala tal-Kunsill biex jikkumplimentaw l-upgrading li sar riċentement fil-bini tal-Kunsill.** | Sindku |

**09. 6.** **L-aħħar xogħlijiet fi Triq Strejnu**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 09. 6. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ingħatat attenzjoni sabiex ma jinqabżux il-fondi allokati għat-tisbiħ ta' Triq Strejnu. Il-fondi allokati huma ta' Eur300,000. S'issa intefqu Eur265,000. Peress li nstab il-blat fil-wiċċ, diffiċli jsir tħawwil ta' siġar. | Sindku |

**09. 7.** **Quarterly Report - April-Ġunju'13**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 09. 7. 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Jirraporta | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena finanzjarja fuq il-mejda tal-Kunsill. Huwa ta rapport dettaljat tad-dħul u l-ħruġ matul dan il-kwart. Il-kwart tas-sena għalaq bi żbilanċ ta' Eur3,283.08. Dan minħabba l-fatt li f'dan il-perjodu daħlet l-ispiża dovuta għal din is-sena tal-Public Private Partnership kif ukoll minħabba l-fatt li l-fondi ta' l-UIF għadhom ma tħallsux. | Sindku<br>Segretarju Eżekuttiv |
| 09. 7. 2 | | Approvazzjoni | **Il-Kunsill approva unanimament ir-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena finanzjarja hekk kif preżentat. Għaldaqstant is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport.** | Sindku<br>Segretarju Eżekuttiv |

| 09. 8. Riferenza | Rif | Żejt iż-Żejtun 2013 Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 8. 1 | | Agius: Laqgħa Pubblika | Agius infurmat lill-Kunsill li ser issir laqgħa pubblika nhar it-8 ta' Settembru fl-10.00am għal min ser jieħu sehem f'Żejt iż-Żejtun. Il-Kunsilliera huma mistiedna jattendu. L-applikazzjonijiet għal min jixtieq jieħu sehem għadhom miftuħin. Din is-sena qed nistennew li l-attendenza tkun ikbar minn tas-snin ta' qabel peress li n-notte bianca mhux ser issir flimkien ma' Żejt iż-Żejtun. | Sindku Agius |
| 09. 8. 2 | | Agius: Press Conference | **Il-Kunsill qabel li ssir press conference fejn jigi mistieden l-Onor. Herrera.** Għaldaqstant ser isir kuntatt mal-Ministru sabiex naraw id-disponibbilta' tiegħu. | Sindku Agius |
| 09. 8. 3 | | | Is-Sindku ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwotazzjonijiet li ntefgħu għal din l-attivita. | |
| 09. 8. 3 i | | Kwotazzjoni: Printing of 500 posters & 10,000 flyers | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex is-servizz tal-printing jingħata lil Aquilina peress li dan huwa Żejtuni. Is-Sindku spjega li fi snin preċedenti sar xogħol tajjeb mill-Best Print. **Għaldaqstant fuq rakkomandazzjoni tal-adjudicating board, ġie deċiż li għal din is-sena l-kwotazzjoni tingħata lill-Best Print għall-prezz ta' Eur649.** | |
| 09. 8. 3 ii | | Kwotazzjoni: Kiri ta' Sound | **Fuq rakkomandazzjoni ta' l-adjudicating board, il-Kunsill qabel li l-kwotazzjoni tas-sound tingħata lil DSS għall-prezz ta' Eur2,100 għas-servizz ta' kwalita li dejjem ta lill-Kunsill.** | |
| 09. 8. 3 iii | | Kwotazzjoni: Provvista ta' kiri ta' 200 folding chairs & 50 mejda | **Il-Kunsill qabel li l-offerta ta' imwejjed u siġġijiet tingħata lil ~~Eugenio Bullegiar~~** Leon Productions **għal prezz ta' Eur~~613.30~~** 299 VAT inkluza**.** ~~Ġie innutat li Leon Productions ma kkwotax ko~~llox. | |
| 09. 8. 3 iv | | Kwotazzjoni: Kiri ta' Billboards fil-Marsa u B'Kara | Infetgħet offerta waħda għall-kiri ta' billboards fil-Marsa u B'Kara. Għaldaqstant **il-Kunsill qabel li jagħti din il-kwotazzjoni lil JP Advertising għall-prezz ta' Eur2,112.20.** Ma' dawn ser jiżdiedu 5 billboards oħra tal-GalXlokk. | |
| 09. 8. 3 v | | Kwotazzjoni: Provvista ta' Villaġġ Malti | Anke għall-kwotazzjoni tal-villaġġ malti intefgħet offerta waħda, dik ta' Jacs għall-prezz ta' Eur1,762.92. **Il-Kunsill qabel li jagħti din il-kwotazzjoni lil Jacs.** Din ma tinkludix "human statues" | |
| 09. 8. 3 vi | | Kwotazzjoni: Kiri ta' Dawl | Fuq rakkomandazzjoni tal-adjudicating board, il-Kunsill qabel li l-kwotazzjoni tad-dawl għandha tingħata lin-Nexos Lighting għall-prezz ta' Eur4,125. Ġie innutat li Leon Promotions ma kkwotax għall-inħawi kollha, iżda għal nofs iż-żoni fejn isiru l-attivitajiet. | |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 8. 4 | | Agius: Re-enactment Group | Il-Kunsilliera Agius ġiet avviċinata minn grupp ta' re-enactment li xtaq [World War 2] jieħu sehem f'Żejt iż-Żejtun. Dan il-grupp [mhux] ser jieħu sehem fl-inawgurazzjoni ta' l-~~attivita'~~. Żejt iż-Żejtun iżda ġie propost [illegible] | Sindku<br>Agius |
| 09. 8. 5 | | Agius: Xelter - Għassa tal-Lokal | Agius uriet ix-xewqa tagħħha li f'Żejt iż-Żejtun jinfetaħ ix-xelter ta' l-għassa għall-pubbliku. Is-Sindku spjega li dan ix-xelter mhumiex kbir biżżejjed. | Sindku<br>Agius |

**09. 9.** **Il-Berġa**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 9. 1 | | Agius: Tirraporta | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat il-laqgħa li attendiet dwar il-bereġ. Din il-laqgħa giet imsejħa mill-President ta' l-AKL u l-Ministru tas-Saħħa. Hija spjegat li sitt snin ilu kien sar refurbishment fil-berġa taż-Żejtun mill-Kunsill liema xogħol ġie apprezzat ħafna u b'hekk seta' jsir użu aħjar ta' din il-Berġa. Waqt il-laqgħa ġejna infurmati li l-bereġ ser jibdew jintużaw għal aktar servizzi. | Agius |

**09. 10.** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 10. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Agius | **Il-Kunsill approva li titwaħħal lapida mal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena li turi li f'din il-Knisja ġie iċċelebrat iż-żwieġ tal-Perit Duminku Mintoff u Moyra de Vera Bentick fit-22 ta' Novembru 1947 quddiem il-Kanonku Ġiovanni Vella, iżda tinħtieġ l-approvazzjoni tal-Arċipriet u l-Kuria** | Hales |

**09. 11.** **Affarijiet Oħra hekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 11. 1 | | Caruana: Laqgħat | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex meta jkun hemm laqgħat mal-Ministri, il-kunsilliera tal-partit nazzjonalista ikunu mgħajjta għal dawn il-laqgħat. | Sindku |
| 09. 11. 2 | | Sindku: Attivita' Miss Malta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar it-2 ta' Settembru ser issir attivita fil-Pjazza b'konnessjoni ma' Miss Malta. Ser isiru n-no parking signs fil-Pjazza. | Sindku |
| 08. 11. 3 | | Sindku: Byelaw - Kiri ta' proprjeta' | **Il-Kunsill qabel li jara x'inhuma l-proċeduri sabiex isir il-Kunsill ikun jista' jikri l-propjeta' li għandu.** | Segretarjat |
| 09. 11. 4 | | Agius: Permess ta' żvilupp Triq Madonna tal-Ħniena | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk ġiex quddiem il-Kunsill il-permess ta' żvilupp fi Triq il-Madonna tal-Ħniena k/m Triq San Alfonsu. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 09. | 11. 5 | Sindku Devoluzzjoni ta' art f'Ġebel San Martin | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li għadu qed jistenna d-devoluzzjoni ta' wara il-gym privat fiż-żona ta' Ġebel San Martin. | Sindku |
| 09. | 11. 6 | Caruana: Parking bays fi Triq Anglu Gatt | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isiru l-parking bays fi Triq Anglu Gatt. | Sindku |
| 09. | 11. 7 | Abela: Underground bring in sites | **Il-Kunsill qabel li jikteb lis-CEO tal-WasteServ David Borg dwar l-istat diżastruż li tinsab fih l-underground bring in site ta' Ġnien Brejġu.** | Abela |
| 09. | 11. 8 | Abela: Reminders | Il-Kunsilliera Abela fakkret sabiex isiru r-road markings tal-parking bays f'Misraħ Karmenu Grima qabel tibda l-iskola u sabiex jitwaħħlu d-dog litter bins. | Sindku |
| 09. | 11. 9 | Hales: Adjudicating Board | Il-Kunsillier Hales talab sabiex jiġi ffurmat adjudicating board ġdid. Is-Sindku talab sabiex dan l-item jitħalla għal-laqgħa oħra. | Sindku |
| 09. | 11. 10 | Hales: Bankijiet fi Ġnien iċ-Ċrieki | Hales fakkar fil-bankijiet li ġew ordnati mingħand l-MSD sabiex jitwaħħlu fi Ġnien iċ-Ċrieki. Ser isir kuntatt ma' Noel ta' l-MSD sabiex naraw fhiex waslet l-ordni. | Sindku |
| 09. | 11. 11 | Hales: Coffee machine | **Il-Kunsill qabel li jixtri coffee machine ghal użu ta' l-uffiċini** | Hales |
| 09. | 11. 12 | Hales: Zebra crossing fi Triq San Girgor | Hales fakkar fiz-zebra crossing fi Triq San Girgor. | |
| 09. | 11. 13 | Hales: Boundary Sign frame | Hales informa lill-Kunsill li insteraq frame tal-boundary sign. Għaldaqstant **il-Kunsill qabel li jagħmel ieħor.** | Hales |
| 09. | 11. 14 | Hales: Twaħħil replica ta' l-arazzi | Hales staqsa meta ser jitwaħħlu r-replica ta' l-arazzi li ġew mogħtija mill-Beland. Is-Sindku spjega li dawn ser jitwaħħlu fil-kamra tal-Kunsilliera. | |
| 09. | 11. 15 | Chircop: Wirja filatelika | Il-Kunsillier Chircop spjega li din is-sena il-wirja filatelika ser issir waqt Żejt iż-Żejtun fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat. Huwa spjega li l-Grupp tal-Filatelija urew ix-xewqa li jsir logo. Fl-aħħar laqgħa tal-grupp ġiet mistiedna is-Sinj. M'Grace Simpson li hija l-kap tal-filatelija fi ħdan il-Maltapost. Ser tinħareġ bolla fuq iż-Żejtun fl-okkażjoni ta' l-400 sena ta' l-aħħar ħbit tal-furbani. | Chircop |
| 09. | 11. 16 | Chircop: Grupp Letterarju | Chircop informa lill-Kunsill li beda jiltaqa' l-grupp letterarju fejn ġiet mistiedna l-poetessa Leanne Ellul. Ser tintuża l-website tal-Kunsill sabiex dawk il-persuni interessati jattendu jkunu jistgħu japplikaw online. | Chircop |
| 09. | 11. 17 | Chircop: Ktieb Elezzjonijiet f'pajjiżna | **Il-Kunsill approva x-xiri ta' ktieb l-'Elezzjonijiet f'Pajjizna mill-1800 sa 2013'.** | Chircop |
| 09. | 11. 18 | Chircop: Grupp Zoe | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-Grupp Zoe qed ihejji CD li jitratta dwar iż-Żejtun. | Chircop |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 09. 11. 19 | Chircop: Bring in site Ta' Tnella | Il-Kunsillier Chircop staqsa dwar it-tneħħija tal-bring in site f'Ta' Tnella. Is-Sindku spjega li kien hemm protest li din il-bring in site kienet f'art privata u kien ukoll qed isir abbuż minn rimi ta' fniek. | Abela |
| 09. 11. 20 | Chircop: Ismijiet tal-bus stops | Chircop ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' ismijiet tal-bus stop imħejjija minnu u mill-Kunsillier Hales. Din ser tgħaddi lil TM. | Hales |
| 09. 11. 21 | Chircop: Triq Palazzi | Chircop staqsa meta ser issir il-wiċċ ta' Triq Palazzi. Is-Sindku spjega li din it-triq ingħatat lill-Onor Mizzi. | |
| 09. 11. 22 | Caruana: Tindif f'Ġebel San Martin | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isir it-tindif f'Ġebel San Martin fejn spjegat minnu. | Hales |
| 09. 11. 23 | Caruana: Tabelli tat-Traffiku | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex jinbidlu t-tabelli tan-no entry tar-rahal f'isfel fil-parti id-dejqa ta' Misraħ Bandolier u issir tabelli ġdida li tindika li ma tistax titla 'l fuq fi Triq Luqa Briffa. | Hales |
| 09. 11. 24 | Caruana: Fanali Misraħ Diċembru XIII u Ġnien San Girgor | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex jinbidel id-dawl ta' Misraħ Diċembru XIII u Ġnien San Girgor. Is-Sindku spjega li d-dawl ta' Ġnien San Girgor diġa' ġiet arranġat. Meta jkun hemm xi attivitajiet dan għandu jiżdied. Is-Sindku kompla jgħid li diġa' saret proposta għat-sibih ta' dawn iż-żewġ lokazzjonijiet iżda għadna ma ħadniex risposta jekk il-proposta ġietx aċċettata jew le. Dwar il-problema ta' ipparkarjar ta' coaches f'Misraħ Diċembru XIII saret proposta quddiem il-Ministru u ser napplikaw meta joħorġu l-funds mill-Gvern Ċentrali. | Sindku |
| 09. 11. 25 | Caruana: Tappiera tad-drenaġġ fi Triq Lvant | Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi rranġata tappiera tad-drenaġġ fi Triq Lvant. | |
| 09. 11. 26 | Caruana: Zebra Crossing Triq l-Isqof Emm. Galea | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex issir zebra crossing fi Triq l-Isqof Emm. Galea. Is-Sindku spjega li diġa' saret applikazzjoni quddiem it-TM iżda din ġiet rifjutata. | Sindku |
| 09. 11. 27 | Caruana: Triq il-Faqqus | Caruana talab sabiex isir il-wiċċ ta' Triq il-Faqqus. Is-Sindku spjega li t-triq qatt ma saret u għaldaqstant ir-responsabbilta' hija tal-Gvern Ċentrali. | Sindku |
| 09. 11. 28 | Caruana: Mogħdija li tagħti għal Trejqet is-Sagħtar | Caruana talab sabiex issir mogħdija bil-konkos li tagħti għal Trejqet is-Sagħtar. | Sindku |
| 09. 11. 29 | Camilleri: Reminder | Camilleri fakkar sabiex issir stop sign ma' l-art fi Triq Marrubja k/m Triq Ħubbejża. | Sindku |
| 09. 11. 30 | Camilleri: Bankini | Camilleri talab lill-Kunsill sabiex isir xogħol fuq żewġ bankini fi Triq Ġuzi Abela u oħra fi Triq il-Madonna tal-Ħniena. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 09. 11. 31 | Agius: Ġnien San Girgor | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex issir il-manutenzjoni fuq il-bandli ta' Ġnien San Girgor. Hija infurmat il-Kunsill dwar l-att vandalu fuq il-bieb tal-Latrina Pubblika ta' dan il-Ġnien. **Il-Kunsill qabel li dan għandu jitranġa.** | Hales |
| 09. 11. 32 | Agius: Tindif - Latrina Misraħ ir-Repubblika | Il-Kunsilliera Agius ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' tindif fil-latrina pubblika ta' Misraħ ir-Repubblika. | Hales |
| 09. 11. 33 | Agius: Kuntrattur Frankie Mifsud | Agius infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur Frankie Mifsud, li għamel ix-xogħol fuq il-binjiet tal-Gvern għadu ma tħallasx. | Agius |
| 09. 11. 34 | Agius: Parenting Skills | Agius infurmat lill-Kunsill li minn Ottubru ser jibdew isiru l-korsijiet tal-parenting skills. | Agius |
| 09. 11. 35 | Agius: Rapport ta' attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat l-attivitajiet Festa Sajf, il-Country Night, il-ħarġa għal Sqallija u l-ħarġa għal Għawdex li kienu suċċess. Anke il-korsijiet tas-Sajf kienu popolari ma' l-istudenti peress li attendew madwar 150 student. | Agius |
| 09. 11. 36 | Agius: Żejt - Ċanċu Supreme | Agius ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar iż-żejt tal-vetturi ta' Ċanċu Supreme li qed ikun ta' inkonvenjent tar-residenti. | |
| 09. 11. 37 | Agius: Reminder | Il-Kunsillier Agius fakkret dwar iz-zebra crossing ta' Triq il-Labour viċin Triq Tamburin. Is-Sindku spjega li TM ma ħarġitx l-approvazzjoni ta' din iz-zebra crossing. | Sindku |
| 09. 11. 38 | Agius: Mera faċċata ta' Villa Fremaux | Agius talbet sabiex issir mera faċċata ta' Villa de Fremaux. | Hales |
| 09. 11. 39 | Agius: Żagħżugħ taħt Probation | Agius infurmat lill-Kunsill li ser ser jibda jattendi żagħżugħ taħt probation biex jagħmel xogħol fil-komunita'. Is-Sindku spjega li dan iż-żagħżugħ ser jingħata taħriġ fil-kompjuter u fil-lingwa Maltija u dik Ingliża. | Agius |
| 09. 11. 40 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li ser isiru attivitajiet bejn il-11 u t-18 ta' Settembru fi skola primarja B. Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar il-31 ta' Awwissu ser issir l-attivita' annwali mtella' mill-Ġiżwiti. | Agius |
| 09. 11. 41 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li bejn is-7 u 8 ta' Settembru ser issir attivita' fiż-Żejtun Home fejn iż-żgħażagħ ser iżuru l-anzjani filwaqt li nhar it-18 ta' Settembru ser issir ħarġa għall-anzjani għall-Palazz tal-President. Biljetti Eur5 kull persuna. | Viċi-Sindku |
| 09. 11. 42 | Hales: Żurżieqa - Bandli Ġebel San Martin | Hales talab sabiex titranġa ż-żurżieqa f'Ġebel San Martin. Is-Sindku spjega li l-handrail ġie ordnat. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 09. | 11. 42 | Viċi-Sindku: Expression of Interest CDCC | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex terġa' tinħareġ expression of interest għac-Child Day Care Centre. Is-Sindku spjega li ser nistennew kif se taħdem is-sistema tal-Gvern Ċentrali. |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.00pm. Laqgħa oħra tal-Kunsill Lokali ser issir nhar it-Tnejn, 16 ta' Settembru, 2013 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali fis-Sala Mikiel Cachia fis-6.00pm

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv